VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,022, 6 ta' Lulju, 2018
Taqsima B

A.L. 216 tal-2018

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2018 dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni ta' Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

TAQSIMA I - PRELIMINARI

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni ta' Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni.

(2) L-għan ta' dan l-ordni huwa t-traspożizzjoni tad-Direttiva (EU) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 418.

"Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni" tfisser l-awtorità mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

"CSIRT" tfisser tim ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters;

"CSIRT awtonomu" tfisser CSIRT organizzat minnu nnifsu li jipprovdi funzjoni ta' monitoraġġ tas-servizzi CSIRT u ta' allarmi, għalih nnifsu jew għal aġenziji, operaturi ta' servizzi essenzjali jew fornituri ta' servizzi diġitali oħrajn;

"fornitur ta' servizz DNS" tfisser entità li tipprovdi servizzi ta' DNS fuq l-internet;

"fornitur ta' servizz diġitali" tfisser kwalunkwe persuna ġuridika li tipprovdi servizz diġitali;

"ĦIIK" tfisser l-Unit għall-Ħarsien tal-Infrastruttura ta' Informazzjoni Kritika stabbilita taħt l-artikolu 5(1) ta' dan l-ordni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

L.S. 460.24.

"ĦIK" tfisser il-Unit dwar il-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika (ĦIK) ta' Malta stabbilita taħt l-artikolu 3 tal-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni);

"inċident" tfisser kwalunkwe avveniment li għandu effett fuq is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni;

L.S. 460.24.

"infrastruttura kritika" jew "IK" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni);

"infrastruttura ta' informazzjoni kritika" jew "IIK" tfisser assi, sistemi, netwerks jew parti minnhom relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li huma essenzjali għaż-żamma tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sigurtà, is-sikurezza, il-benesseri ekonomiku jew soċjali tan-nies, u li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti f'Malta bħala riżultat tan-nuqqas taż-żamma ta' dawk il-funzjonijiet;

"konsumatur" tfisser kull persuna naturali li taġixxi għal skopijiet li jaqgħu barra mill-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħha;

Kap. 586.

"Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*" tfisser il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* maħtur skont l-artikolu 11 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data;*

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ħarsien tal-infrastruttura kritika u għal-ħarsien tal-infrastruttura ta' informazzjoni kritika;

"negozjant" tfisser kwalunkwe persuni fiżiċi jew kwalunkwe persuna ġuridika, irrispettivament minn jekk hix proprjetà privata jew pubblika, li jaġixxu, inkluż permezz ta' kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimhom jew għan-nom tagħhom, għal skopijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom;

"netwerk u sistema tal-informazzjoni" tfisser:

Kap. 399.

(a) netwerk ta' komunikazzjoni elettronika fl-ambitu tat-tifsira tal-artikolu 2 tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi;

(b) kwalunkwe apparat jew grupp ta' apparati interkonnessi jew relatati, li wieħed minnhom jew iktar, skont programm, iwettaq ipproċessar awtomatiku ta' *data* diġitali; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) *data* diġitali maħżuna, ipproċessata, miġbura jew mibgħuta minn elementi koperti fil-paragrafi (a) u (b) għall-finijiet tal-operat, l-użu, il-ħarsien u ż-żamma tagħhom;

"operatur ta' servizzi essenzjali" tfisser entità pubblika jew privata ta' xi tip li għalihom issir referenza fit-Tieni Skeda, li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-artikolu 9(2);

"pjan ta'sigurtà għall-operaturi" jew "ġestjoni għall-kontinwità tal-attività" tfisser il-proċedura ġenerali li tidentifika l-assi, s-sistemi, n-netwerks jew parti minnhom fi ħdan infrastruttura ta' informazzjoni kritika, operaturi ta' servizzi essenzjali u, jew fornituri ta' servizz diġitali, li tidentifika soluzzjonijiet ta' sigurtà u miżuri tekniċi eżistenti jew li qed jiġu implimentati għall-ħarsien tagħhom u l-identifikazzjoni, għażla u prijoritizzazzjoni ta' kontromiżuri u proċeduri;

"punt għal skambju ta' internet" jew "IXP" tfisser faċilità ta' netwerk li tippermetti l-interkonnessjoni ta' aktar minn żewġ sistemi awtonomi indipendenti, primarjament biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tat-traffiku tal-internet; l-IXP tipprovdi biss interkonnessjoni għal sistemi awtonomi; l-IXP ma tirrikjedix li t-traffiku tal-internet, li jgħaddi bejn kwalunkwe par sistemi awtonomi parteċipanti, jgħaddi minn kwalunkwe sistema awtonoma terzjarja, lanqas ma tbiddel jew b'xi mod tinterferixxi ma' dan it-traffiku;

"rappreżentant" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, maħtura espliċitament sabiex taġixxi f'isem fornitur ta' servizz diġitali mhux stabbilit fl-Unjoni, li tista' tiġi indirizzata minn awtorità kompetenti nazzjonali jew minn CSIRT minflok il-fornitur ta' servizz diġitali, fir-rigward tal-obbligi ta' dak il-fornitur ta' servizz diġitali taħt dan l-ordni;

"reġistru ta' isem ta' dominju tal-ogħla livell" tfisser entità li tamministra jew twettaq ir-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominji tal-internet skont dominju speċifiku tal-ogħla livell;

"riskju" tfisser kull ċirkostanza jew avveniment li jistgħu jiġu raġonevolment identifikati u li jista' jkollhom effett fuq is-sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni, li jwasslu għal inċertezza fir-rigward tal-għanijiet tal-assi, tas-sistemi, tan-netwerks jew parti minnhom. Effett ta' dan huwa d-devjazzjoni mill-għanijiet mistennija, l-għanijiet jista' jkollhom aspetti differenti u jistgħu japplikaw fuq livelli differenti, fil-pożittiv u fin-negattiv. L-għanijiet jista' jkollhom aspetti differenti (bħalma huma dawk finanzjarji, ta' saħħa u sigurtà jew ambjentali) u jistgħu japplikaw f'livelli differenti (bħalma huwa dak strateġiku, fi ħdan l-organizzazzjoni kollha, proġettwali, tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

prodott u tal-proċess). Ir-riskju huwa ta' spiss karatterizzat minn referenza għal avvenimenti u konsegwenzi li jistgħu iseħħu, jew il-konkorrenza tagħhom. Ħafna drabi, ir-riskju huwa espress f'termini ta' konkorrenza tal-konsegwenzi marbuta ma' avveniment, inkluż bidla fiċ-ċirkostanzi, u l-probabilità li dak l-avveniment iseħħ.

"servizz diġitali" tfisser servizz fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Proċedura għall-Għoti ta' Informazzjoni li jkun tax-xorta mniżżel fit-Tielet Skeda;

L.S. 419.06.

"servizz tal-*cloud computing*" tfisser servizz diġitali li jippermetti aċċess għal riżorsi tat-teknoloġija tal-informatika li kapaċi jespandu, li huma flessibbli u li jistgħu jiġu kondiviżi;

"sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni" tfisser l-abbiltà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jirreżistu, f'livell partikolari ta' fiduċja, kwalunkwe azzjoni li tikkompromietti d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità ta' *data* maħżuna, mibgħuta jew ipproċessata jew is-servizzi relatati offruti minn, jew aċċessibbli permezz ta', dawk in-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni;

"sistema ta' isem ta' dominju" jew "DNS" tfisser sistema distribwita ġerarkikament għall-għoti ta' isem f'netwerk li jipproċessa domandi għal isem ta' dominju;

"sistema ta' tiftix *online*" tfisser servizz diġitali li permezz tiegħu, fil-prinċipju, l-utenti jistgħu jagħmlu tiftix fis-siti web kollha jew f'siti web b'lingwa partikolari abbażi ta' domanda dwar kwalunkwe suġġett fil-forma ta' kelma prinċipali, fraži jew test ieħor, u li jagħti direzzjoni fejn tista' tinstab informazzjoni relatata mal-kontenut mitlub;

"speċifikazzjoni" tfisser speċifikazzjoni teknika fl-ambitu tat-tifsira tal-paragrafu (4) tal-artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"standard" tfisser standard fl-ambitu tat-tifsira tal-paragrafu (1) tal-artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

"strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni" tfisser qafas li jipprovdi objettivi u prijoritajiet strateġiċi dwar is-sigurtà tan-netwerk u s-sistemi tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"suq *online*" tfisser servizz diġitali li permezz tiegħu l-konsumaturi jew n-negozjanti, jew it-tnejn, kif imfissra rispettivament fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ikunu jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' bejgħ jew ta' servizzi *online* ma' negozjanti fis-sit web tas-suq *online* jew fis-sit web tan-negozjant, li juża servizzi tal-informatika pprovduti mis-suq *online*;

"trattament ta' inċident" tfisser il-proċeduri kollha għall-identifikazzjoni, l-analiżi u t-trażżin ta' inċident u r-rispons fir-rigward;

"Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"valutazzjoni tar-riskju" tfisser il-proċess ġenerali ta' identifikazzjoni, analiżi u evalwazzjoni tar-riskju, li jkopri l-identifikazzjoni tas-sorsi tar-riskju, l-avvenimenti, il-kawżi u l-konsegwenzi potenzjali tagħhom, li jinkludi n-natura tar-riskju u d-determinazzjoni tal-livel tar-riskju, bl-għan aħħari tal-paragun bejn ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-kriterji tar-riskju, sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-riskju u, jew il-kobor tiegħu, humiex aċċettabbli jew tollerabli.

3. (1) Ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika stabbiliti f'dan l-ordni m'għandhomx japplikaw għal intrapriżi li huma soġġetti għar-rekwiżit tal-Artikoli 13a u 13b tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew għal forniturі ta' servizzi fiduċjarji li huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Applikabilità.

(2) Dan l-ordni għandu japplika mingħajr ħsara għall-Ordni dwar Infrastruttura Kritika u Infrastruttura Kritika Ewropea (Identifikazzjoni, Indikazzjoni u Protezzjoni) u għad-Direttivi 2011/93/UE u 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L.S. 460.24.

(3) Mingħajr ħsara għall-artikolu 346 TFUE, l-informazzjoni li hija kunfidenzjali skont il-liġi, bħar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, għandha tkun skambjata mal-Kummissjoni Ewropea u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn unikament meta tali skambju jkun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan l-ordni. L-informazzjoni skambjata għandha tkun limitata għal dak li huwa rilevanti u proporzjonat għall-għan ta' tali skambju. Tali skambju ta' informazzjoni għandu jħares il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u jipproteġi l-interessi ta' sigurtà u kummerċjali tal-operaturi ta' servizzi essenzjali u tal-forniturі ta' servizzi diġitali.

(4) Dan l-ordni huwa mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

meħuda sabiex jitħarsu l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, b'mod partikolari sabiex tiġi mħarsa s-sigurtà nazzjonali, inklużi azzjonijiet li jipproteġu l-informazzjoni u li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà ta' Malta, u għall-osservanza tad-dritt u tal-ordni, b'mod partikolari sabiex jitwettqu l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

(5) Meta liġi li hija speċifika għal settur, tirrikjedi li l-operaturi ta' servizzi essenzjali jew il-fornituri ta' servizzi diġitali jiżguraw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom jew li jinnotifikaw l-inċidenti, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi li hija speċifika għas-settur, dment li tali rekwiżiti tal-anqas ikollhom effett ekwivalenti għall-obbligi stipulati f'dan l-ordni.

Ipproċessar ta' *data* personali. Kap. 586.

4. L-ipproċessar tad-*data* personali skont dan l-ordni għandu jsir skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

TAQSIMA II – UNIT GĦALL-ĦARSIEN TAL-INFRASTRUTTURA TA' INFORMAZZJONI KRITIKA, CSIRTMalta u CSIRTs

Il-ĦIIK.

5. (1) Għandu jkun hemm korp li għandu jkun magħruf bħala l-Unit għall-Ħarsien tal-Infrastruttura ta' Informazzjoni Kritika fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"ĦIIK".

(2) Il-ĦIIK għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan l-ordni u għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti li tkopri s-setturi msemmija fit-Tieni Skeda u s-servizzi msemmija fit-Tielet Skeda.

(3) Il-ĦIIK għandu jkun responsabbli sabiex:

(a) jistabbilixxi l-kriterji għall-identifikazzjoni u l-ħatra tal-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-fornituri ta' servizzi diġitali;

(b) jidentifika u jaħtar operaturi ta' servizzi essenzjali f'Malta skont l-artikolu 9;

(ċ) jidentifika s-servizzi pprovduti mill-operaturi ta' servizzi essenzjali u mill-fornituri ta' servizzi diġitali;

(d) jiżgura li l-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-fornituri ta' servizzi diġitali jwettqu valutazzjoni tar-riskju;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) jiżgura li l-operaturi ta' servizzi essenzjali u l-forniturі ta' servizzi diġitali iħejju u jżommu pjan ta' sigurtà għall-operaturi;

(f) jinstiga lill-operaturi ta' servizzi essenzjali u lill-forniturі ta' servizzi diġitali sabiex iwettqu simulazzjonijiet ta' pjanijiet għas-sigurtà għall-operaturi;

(g) bla ħsara għall-artikolu 3(3), jibni sħubija mal-operaturi ta' Infrastrutturi ta' Informazzjoni Kritika (IIK) għall-qsim ta' informazzjoni;

(h) iżomm reġistru tas-CSIRTs, tal-operaturi ta' servizzi essenzjali u tal-forniturі ta' servizzi diġitali f'Malta;

(i) jeżerċita funzjoni ta' kollegament sabiex jiżgura l-kooperazzjoni transkonfinali mal-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri oħra u mal-Grupp ta' Kooperazzjoni u n-netwerk tas-CSIRT's;

(j) jadotta strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni skont artikolu 8;

(k) jissorvelja l-miżuri ta' sigurtà meħuda mill-operaturi ta' servizzi essenzjali skont artikolu 11.

(4) Il-ĦIIK għandu wkoll iwettaq dawk il-kompiti relatati u konsegwenzjali li l-Ministru jista' jiddelega minn żmien għal żmien.

(5) Il-ĦIIK għandu, meta dan ikun adegwat u f'konformità mal-liġi, jikkonsulta u jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għall-infurzar tal-liġi u mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*.

CSIRTs.

6. (1) Għandu jkun hemm CSIRT Nazzjonali fi ħdan il-ĦIIK, li għandu jkun magħruf bħala CSIRTMalta, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti u l-kompiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Ewwel Skeda rispettivament, li għandu jkopri tal-anqas is-setturi msemmija fit-Tieni Skeda u s-servizzi msemmija fit-Tielet Skeda. CSIRTMalta għandu jkun responsabbli għat-trattament tar-riskji u tal-inċidenti skont proċess stabbilit b'mod ċar.

(2) CSIRTMalta għandu jinforma lill-ĦIIK dwar notifiki ta' inċidenti sottomessi skont dan l-ordni.

(3) L-operaturi ta' servizz essenzjali għandhom jirċievu servizzi ta' monitoraġġ ta' CSIRT mingħand xi wieħed mis-CSIRTs li ġejjin, li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-kompiti stipulati fil-paragrafi 1 u 3 tal-Ewwel Skeda rispettivament:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) CSIRT intern li jipprovdi servizzi ta' monitoraġġ u allarmi ta' CSIRT fi ħdan l-operaturi ta' servizzi essenzjali;

(b) CSIRT awtonomu jista' jiġi kkuntrattat sabiex iwettaq servizzi ta' monitoraġġ ta' CSIRT.

(4) Kull operatur ta' servizzi essenzjali li jonqos milli jwaqqaf CSIRT skont is-subartikolu (3) jista' jeħel multa amministrattiva skont il-proċedura taħt l-artikolu 19.

(5) Il-ĦIK u l-ĦIIK għandhom jikkooperaw bejniethom għall-aħjar twettieq tal-obbligi msemmija f'dan l-ordni.

Riżorsi.

7. Il-Ministru għandu jiżgura li:

(a) il-ĦIIK u CSRTMalta jkollhom riżorsi adewgati sabiex iwettqu l-inkarigi assenjati lilhom b'mod effettiv u effiċjenti, biex b'hekk jintlaħqu l-għanijiet ta' dan l-ordni;

(b) CSIRTMalta għandu jkollu aċċess għal infrastruttura ta' komunikazzjoni xierqa fuq livell nazzjonali li hija adegwata, sikura u reżiljenti.

TAQSIMA III – QAFAS NAZZJONALI DWAR IS-SIGURTÀ TAN-NETWERKS U TAS-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI

Strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

8. B'kollaborazzjoni ma' entitajiet u partijiet oħra interessati, il-ĦIIK għandu jadotta strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u miżuri għal politika adegwata u regolatorji, bl-għan li jinkiseb u jinżamm livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni u li jiġu koperti tal-anqas is-setturi msemmija fit-Tieni Skeda u s-servizzi msemmija fit-Tielet Skeda. L-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni għandha tindirizza, b'mod partikolari, l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni;

(b) il-qafas ta' governanza sabiex jinkisbu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, inkluži r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi governattivi u tal-atturi l-oħra rilevanti;

(ċ) l-identifikazzjoni tal-miżuri relatati mat-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru, inkluża l-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u dawk privati;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) indikazzjoni dwar il-programmi ta' edukazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ, relatati mal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni;

(e) indikazzjoni tal-pjanijiet ta' riċerka u ta' żvilupp, relatati mal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni;

(f) pjan ta' valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġu identifikati r-riskji;

(g) lista tad-diversi atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

TAQSIMA IV – SIGURTÀ TAN-NETWERKS U TAS-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI TAL-OPERATURI TA' SERVIZZI ESSENZJALI

Identifikazzjoni tal-operaturi ta' servizzi essenzjali.

9. (1) Il-ĦIIK għandu, fir-rigward ta' kull settur u sottosettur imsemmi fit-Tieni Skeda, jidentifika l-operaturi ta' servizzi essenzjali f'Malta.

(2) Fl-identifikazzjoni tal-operaturi ta' servizzi essenzjali, skont is-subartikolu (1), il-ĦIIK għandu jikkunsidra li:

(a) l-entità tipprovdi servizz li huwa essenzjali għaż-żamma ta' attivitajiet li huma importani għas-soċjetà jew ekonomikament, jew it-tnejn;

(b) il-provvista ta' dak is-servizz jiddependi min-netwerks u mis-sistemi tal-informazzjoni; u

(ċ) inċident partikolari jkollu effetti ta' interruzzjoni sinifikanti fuq il-provvista ta' dak is-servizz.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-ĦIIK għandu jistabbilixxi lista tas-servizzi msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2).

(4) Fuq talba bil-miktub tal-ĦIIK, operatur potenzjali ta' servizzi essenzjali f'Malta għandu fi żmien għoxrin (20) ġurnata jipprovdi lista tas-servizzi essenzjali li jipprovdi.

(5) Il-ĦIIK għandu jeżamina l-lista pprovduta skont is-subartikolu (4) u jinforma fi żmien raġjonevoli lil operatur potenzjali ta' servizzi essenzjali jekk ġiex maħtur bħala operatur ta' servizzi essenzjali skont dan l-artikolu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Operatur ta' servizzi essenzjali li jkun ġie maħtur, għandu jikkonforma man-notifika tal-ħatra msemmija fis-subartikolu (5) fiż-żmien stipulat, kif jista' jiġi indikat mill-ĦIIK.

(7) Kwalunkwe impriża li tonqos milli tikkonforma mat-talba tal-ĦIIK skont is-subartikolu (4), tista' teħel multa amministrattiva skont il-proċedura taħt l-artikolu 19.

(8) Il-ĦIIK għandu, b'mod regolari, u tal-anqas kull sentejn wara d-9 ta' Mejju 2018, jirrevedi u jekk meħtieġ, jaġġorna l-lista tal-operaturi ta' servizzi essenzjali.

Effett sinifikanti ta' interruzzjoni.

10. (1) Għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sinifikat tal-effett tal-interruzzjoni, kif imsemmi fl-artikolu 9(2)(ċ), il-ĦIIK għandu jikkunsidra tal-anqas il-fatturi transsettorjali li ġejjin:

(a) l-għadd ta' utenti li jiddependu mis-servizzi pprovduti mill-entità kkonċernata;

(b) id-dipendenza ta' setturi oħra msemmija fit-Tieni Skeda fuq is-servizz provdut minn dik l-entità;

(ċ) l-impatt li jista' jkollhom l-inċidenti, f'termini ta' gravità u dewmien, fuq l-attivitajiet ekonomiċi u l-attivitajiet tas-soċjetà jew is-sikurezza tal-pubbliku;

(d) is-sehem mis-suq ta' dik l-entità;

(e) il-firxa ġeografika fir-rigward taż-żona li tista' tiġi affettwata minn inċident;

(f) l-importanza tal-entità biex jinżamm livell suffiċjenti tas-servizz, filwaqt li tittieħed inkonsiderazzjoni d-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi għall-għoti ta' dak is-servizz;

(g) id-dipendenza ta' infrastruttura kritika, ta' infrastruttura ta' informazzjoni kritika, jew it-tnejn, fuq is-servizz provdut minn dik l-entità;

(2) Sabiex jiġi ddeterminat jekk inċident iwassalx għal interruzzjoni sinifikanti, il-ĦIIK ghandu jikkunsidra wkoll, fejn meħtieġ, fatturi li huma speċifiċi għas-settur.

Rekwiżiti ta' sigurtà u n-notifika ta' inċidenti.

11. (1) Il-ĦIIK għandu jiżgura li l-operaturi ta' servizzi essenzjali:

(a) jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi li huma adegwati u proporzjonati sabiex jiġġestixxu r-riskji għas-sigurtà

VERŻJONI ELETTRONIKA

tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw fl-operati tagħhom. Wara li jikkunsidraw l-aktar teknoloġiji avvanzati, dawk il-miżuri għandhom jiggarantixxu livell adegwat ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni għar-riskju maħluq;

(b) jieħdu miżuri adegwati sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw l-impatt ta' inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni użati għall-provvista ta' tali servizzi essenzjali bil-għan li jiżguraw il-kontinwità ta' dawk is-servizzi; u

(ċ) jaħtru uffiċjal ta' kollegament tas-sigurtà li jkollu l-għarfien espert meħtieġ u li għandu:

(i) jiffaċilita l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-manutenzjoni u jirrevedi it-tħejjija, il-proċessi u s-soluzzjonijiet għal operatur ta' servizzi essenzjali;

(ii) jiżgura li l-operatur ta' servizzi essenzjali iwettaq u jżomm valutazzjonijiet tar-riskju adegwati;

(iii) jiżgura li l-operatur ta' servizzi essenzjali jżomm u jeżerċita pjan tas-sigurtà għall-operatur; u

(iv) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għal kwisjonijiet relatati mas-sigurtà sabiex jiżgura t-twettieq tal-obbligi stabbiliti b'dan l-ordni bejn l-operatur ta' servizzi essenzjali u l-Unit għall-Ħarsien tal-Infrastruttura ta' Informazzjoni Kritika (il-ĦIIK);

(2) L-operaturi ta' servizzi essenzjali għandhom jinnotifikaw lill-ĦIIK, mingħajr dewmien bla bżonn, dwar inċidenti li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tas-servizzi essenzjali li huma jipprovdu. In-notifiki għandhom jinkludu informazzjoni li permezz tagħha il-ĦIIK jkun jista' jiddetermina kwalunkwe impatt lokali jew transkonfinali tal-inċident. In-notifika m'għandhiex tissoġġetta lill-parti notifikanti għal responsabbiltà ulterjuri.

(3) Sabiex jiġi ddeterminat is-sinifikat tal-impatt ta' inċident, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-parametri li ġejjin:

(a) l-għadd ta' utenti affettwati mill-interruzzjoni tas-servizz essenzjali;

(b) id-dewmien tal-inċident;

(ċ) il-firxa ġeografika fir-rigward taż-żona affettwata

VERŻJONI ELETTRONIKA

mill-inċident;

(d) is-setturi affetwati mill-interruzzjoni tas-servizz essenzjali;

(e) id-dipendenza ta' infrastruttura kritika, ta' infrastruttura ta' informazzjoni kritika, jew it-tnejn, fuq l-interruzzjoni tas-servizz essenzjali.

(4) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fin-notifika mill-operatur ta' servizzi essenzjali, il-ĦIIK għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra affettwati, jekk l-inċident ikollu impatt sinifikanti fuq il-kontinwità ta' servizzi essenzjali f'dak l-Istat Membru. Meta jagħmel dan, il-ĦIIK għandu, f'konformità mal-liġi, iħares l-interessi tas-sigurtà u dawk kummerċjali tal-operatur ta' servizzi essenzjali, kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta fin-notifika tiegħu.

Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, il-ĦIIK għandu jipprovdi informazzjoni rilevanti lill-operatur notifikanti ta' servizzi essenzjali dwar is-segwitu tan-notifika tiegħu, bħal informazzjoni li tista' tgħin biex l-inċident jiġi indirizzat b'mod effettiv.

Il-ĦIIK għandu jibgħat in-notifiki isemmija fl-ewwel paragrafu lil punti uniċi ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra affetwati.

(5) Fejn operatur ta' servizzi essenzjali maħtur, jipprovdi servizz lil intrapriża li tipprovdi netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi skont l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, kull ksur ta' sigurtà li jaffettwa lil tali operatur ta' servizzi essenzjali għandu wkoll jiġi nnotifikat mis-CSIRT rilevanti lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni:

Kap. 399.

Iżda f'dan il-kuntest, fl-eżerċizzju tas-sorveljanza regolatroja tagħhom, il-ĦIIK u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin u għandhom jikkonsidraw b'mod xieraq il-pariri li l-parti l-oħra tista' tagħti.

(6) Wara li tikkonsulta lil operatur notifikanti ta' servizzi essenzjali, l-ĦIIK tista' tinforma lill-pubbliku dwar inċidenti individwali, fejn is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tkun meħtieġa għall-prevenzjoni jew it-trattament ta' inċident attwali.

(7) Kull operatur ta' servizzi essenzjali li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi ta' dan l-artikolu jista' jeħel multa amministrattiva skont il-proċedura taħt l-artikolu 19.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Implimentazzjoni u infurzar.

12. (1) Il-Ministru għandu jiżgura li l-ĦIIK ikollu is-setgħat u l-mezzi meħtieġa sabiex janalizza l-konformità tal-operaturi ta' servizzi essenzjali mal-obbligi tagħhom skont l-artikolu 11 u l-effetti ta' dan fuq is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

(2) Fuq it-talba tal-ĦIIK, l-operatur ta' servizzi essenzjali għandhom mingħajr dewmien mhux dovut jipprovdu:

(a) l-informazzjoni neċessarja biex tiġi analizzata s-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom, inklużi politiki tas-sigurtà dokumentati;

(b) evidenza tal-implimentazzjoni effettiva ta' kull politika tas-sigurtà, bħal ma huma r-riżultati ta' verifika tas-sigurtà mwettqa mill-ĦIIK jew minn awditur kwalifikat u, f'dan l-aħħar każ, jagħmlu r-riżultati tal-verifika, flimkien mal-evidenza sottostanti, disponibbli għall-ĦIIK.

Meta jitlob tali informazzjoni jew evidenza, il-ĦIIK għandu jiddikjara l-għan tat-talba u jispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa.

(3) Wara li tiġi analizzata l-informazzjoni, l-evidenza jew ir-riżultati tal-verifiki tas-sigurtà msemmija fis-subartikolu (2), il-ĦIIK jista' joħroġ struzzjonijiet vinkolanti lill-operaturi ta' servizzi essenzjali biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati.

(4) Il-ĦIIK għandu jaħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* meta jindirizza inċidenti li jirriżultaw fi vjolazzjoni ta' *data* personali.

TAQSIMA V - SIGURTÀ TAN-NETWERKS U TAS-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI TAL-FORNITURI TA' SERVIZZI DIĠITALI

Rekwiżiti ta' sigurtà u notifika ta' inċidenti.

13. (1) Il-fornituri ta' servizzi diġitali għandhom jidentifikaw u jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati u proporzjonati sabiex jiġġestixxu r-riskji għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jużaw fil-kuntest tal-provvista tas-servizzi f'Malta msemmija fit-Tielet Skeda. Filwaqt li jikkunsidraw l-aktar teknoloġiji avvanzati, dawk il-miżuri għandhom jiggarantixxu livell adegwat ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni għar-riskju identifikat, u għandhom jikkunsidraw l-elementi li ġejjin:

(a) is-sigurtà tas-sistemi u tal-faċilitajiet;

(b) it-trattament tal-inċidenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-ġestjoni tal-kontinwità tal-attività;

(d) il-monitoraġġ, il-verifika u l-ittestjar;

(e) il-konformità mal-istandards internazzjonali.

(2) Il-fornituri tas-servizz diġitali għandhom jieħdu miżuri sabiex jiġi evitat u mminimizzat l-impatt tal-inċidenti, li jaffettwaw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom, fuq is-servizzi msemmija fit-Tielet Skeda li huma offruti f'Malta, bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità ta' dawk is-servizzi.

(3) Il-fornituri tas-servizz diġitali għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien mhux dovut, lill-ĦIIK dwar kwalunkwe inċident li jkollu impatt sostanzjali fuq il-provvista ta' servizz kif imsemmi fit-Tielet Skeda li huma joffru f'Malta. In-notifiki għandhom jinkludu informazzjoni li permezz tagħha l-ĦIIK ikun jista' jiddetermina s-sinifikat ta' kwalunkwe impatt transkonfinali. In-notifika m'għandhiex tissoġġetta lill-parti notifikanti għal responsabbiltà ulterjuri.

(4) Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-impatt ta' inċident huwiex sostanzjali, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-parametri li ġejjin:

(a) l-għadd tal-utenti affettwati mill-inċident, b'mod partikolari utenti li jiddependu mis-servizz biex jipprovdu s-servizzi tagħhom stess;

(b) id-dewmien tal-inċident;

(ċ) il-firxa ġeografika fir-rigward taż-żona affettwata mill-inċident;

(d) l-impatt tal-interruzzjoni tal-funzjonament tas-servizz;

(e) l-impatt fuq l-attivitajiet ekonomiċi u l-attivitajiet tas-soċjetà;

(f) l-importanza li l-entità żżomm livell suffiċjenti tas-servizz, b'qies għad-disponibilità ta' mezzi alternattivi għall-provvista ta' dak is-servizz;

(g) id-dipendenza ta' infrastruttura kritika, ta' infrastruttura ta' informazzjoni kritika, jew it-tnejn, fuq is-servizz provdut minn dik l-entità.

L-obbligu tan-notifika ta' inċident għandu japplika biss fil-każ li

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-fornitur ta' servizz diġitali jkollu aċċess għall-informazzjoni meħtieġa biex jevalwa l-impatt ta' inċident skont il-parametri msemmija fl-ewwel paragrafu.

(5) Meta operatur ta' servizzi essenzjali jiddependi minn fornitur terz ta' servizz diġitali għall-provvista ta' servizz li huwa essenzjali biex jinżammu l-attivitajiet kritiċi tas-soċjetà u ekonomiċi, kwalunkwe impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tas-servizzi essenzjali minħabba inċident li jaffettwa l-fornitur ta' servizz diġitali għandu jiġi nnotifikat minn dak l-operatur mingħajr dewmien bla bżonn.

(6) Jekk ikun adegwat, u b'mod partikolari jekk l-inċident imsemmi fis-subartikolu (3) jikkonċerna żewġ Stati Membri jew aktar, il-ĦIIK għandu jinforma lill-awtorità kompetenti jew lis-CSIRT tal-Istati Membri l-oħra affettwati. Meta jagħmel dan, il-ĦIIK għandu, f'konformità mal-liġi, iħares l-interessi tal-fornitur ta' servizz diġitali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà u l-interessi kummerċjali, kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta.

(7) Wara konsultazzjoni mal-fornitur ta' servizz diġitali kkonċernat, l-ĦIIK, fejn adegwat, jista' jinforma lill-pubbliku dwar inċidenti individwali jew jesiġi li l-fornitur ta' servizz diġitali jagħmel dan, fejn is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tkun meħtieġa biex jiġi evitat inċident jew jiġi indirizzat inċident attwali, jew fejn l-iżvelar tal-inċident ikun b'xi mod ieħor ta' interess għall-pubbliku.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(4), l-ĦIIK m'għandux jimponi rekwiżiti ta' sigurtà jew notifika ulterjuri fuq fornituri ta' servizz diġitali.

(9) It-Taqsima V m'għandhiex tapplika għal intrapriżi żgħar u l-mikrointrapriżi kif imfissra fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

(10) Kull fornitur ta' servizz diġitali li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan l-artikolu, għandhom jeħlu multa amministrattiva skont il-proċedura taħt l-artikolu 19.

Implimentazzjoni u infurzar.

14. (1) Il-ĦIIK għandu jieħu azzjoni, fejn meħtieġ, permezz ta' miżuri superviżorji *ex post*, meta tingħatalu evidenza li fornitur ta' servizz diġitali ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 13. Tali evidenza tista' tiġi ppreżentata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut mill-fornitur tas-servizz diġitali nnifsu.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-ĦIIK għandu jkollu s-setgħat u l-mezzi meħtieġa sabiex jesiġi li l-fornituri ta' servizzi diġitali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) jipprovdu l-informazzjoni neċessarja biex tiġi evalwata s-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom inklużi l-politiki ta' sigurtà dokumentati;

(b) jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 13.

(3) Fejn:

(a) fornitur ta' servizz diġitali jkollu s-sede prinċipali tiegħu jew rappreżentant f'Malta, iżda n-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni tiegħu jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor jew aktar; jew

(b) fornitur ta' servizz diġitali jkollu s-sede prinċipali tiegħu jew rappreżentant fi Stat Membru, iżda n-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni jkunu jinsabu f'Malta,

l-ĦIIK għandu jikkoopera u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kif ikun meħtieġ. Tali assistenza u kooperazzjoni jistgħu jkopru skambji ta' informazzjoni bejn il-ĦIIK u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ta' Stat Membru ieħor, u talbiet biex jittieħdu l-miżuri superviżorji msemmija fis-subartikolu (2).

Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Kap. 399.

15. Fejn fornitur ta' servizz diġitali maħtur jipprovdi servizz lil impriża li tipprovdi netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi skont l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, kwalunkwe ksur ta' sigurtà li jaffettwa lil tali operatur, għandu wkoll jiġi nnotifikat mis-CSIRT rilevanti lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni:

Iżda f'dan il-kuntest, fl-eżerċizzju tas-sorveljanza regolatorja tagħhom, il-ĦIIK u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin u għandhom jikkunsidraw b'mod xieraq il-pariri li jistgħu jagħtu lil xulxin.

Ġurisdizzjoni u territorjalità.

16. (1) Għall-finijiet ta' dan l-ordni, fornitur ta' servizz diġitali għandu jitqies li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta jekk għandu s-sede prinċipali tiegħu f'Malta. Fornitur ta' servizz diġitali għandu jitqies li għandu s-sede prinċipali tiegħu f'Malta jekk ikollu l-uffiċċju ewlieni tiegħu rreġistrat f'Malta.

(2) Fornitur ta' servizz diġitali li m'huwiex stabbilit fl-Unjoni, iżda li joffri s-servizzi msemmija fit-Tielet Skeda fl-Unjoni, għandu jitqies li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta jekk ir-rappreżentant tiegħu ikun stabbilit f'Malta.

(3) Il-ħatra ta' rappreżentant mill-fornitur ta' servizz diġitali

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandha tkun mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-fornitur ta' servizz diġitali nnifsu.

TAQSIMA VI – STANDARDIZZAZZJONI U NOTIFIKA VOLONTARJA

Standardizzazzjoni.

17. Fl-implimentazzjoni tal-artikolu 11(1) u tal-artikolu 13 (1) u (2), il-ĦIIK għandu, mingħajr ma jimponi jew jiddiskrimina favur l-użu ta' tip ta' teknoloġija partikolari, jinkoraġġixxi l-użu ta' standards u speċifikazzjonijiet aċċettati f'livell Ewropew jew internazzjonali li jkunu rilevanti għas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

Notifika volontarja.

18. (1) Entitajiet li ma ġewx identifikati bħala operaturi ta' servizzi essenzjali u li mhumiex fornituri ta' servizzi diġitali, jistgħu jinnotifikaw, fuq bażi volontarja, inċidenti li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kontinwità tas-servizzi li jipprovdu.

(2) Meta jipproċessa n-notifiki, l-ĦIIK għandu jaġixxi f'konformità mal-proċedura stipulata fl-artikolu 11 u jista' jagħti prijorità lill-ipproċessar ta' notifiki obbligatorji fuq in-notifiki volontarji. In-notifiki volontarji għandhom jiġu pproċessati biss meta tali pproċessar ma jikkostitwixxix piż żejjed u sproporzjonat fuq il-ĦIIK.

In-notifika volontarja m'għandhiex twassal għall-impożizzjoni, fuq l-entità notifikanti, ta' xi obbligi li ma kinitx tkun soġġetta għalihom, li kieku ma ngħatatx dik in-notifika.

TAQSIMA VII – INFURZAR U SANZJONIJIET

Infruzar.

19. (1) Il-ĦIIK jista' jieħu l-miżuri li ġejjin kontra kull impriża li tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-ordni jew xi liġi oħra li l-ĦIIK huwa ntitolat li jinforza, jew kontra kull min jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi deċiżjoni tal-ĦIIK:

(a) l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; u

(b) il-ħruġ ta' ordni għall-waqfien ta' kull att jew nuqqas li jikser dan l-ordni.

(2) Qabel jipproċedi b'xi miżura skont is-subartikolu (1), il-ĦIIK għandu jikteb lill-impriża kkonċernata u jwiddibha bil-miżura li tista' tittieħed u r-raġuni speċifika għalfejn tista' tittieħed u jordnalha li twaqqaf jew tirrettifika kull att jew ommissjoni tagħha u, jew li l-impriża tressaq is-sottomissjonijiet tagħha f'perijodu ta' mhux anqas minn ħmistax-il (15) ġurnata, liema perijodu jista' jiġi mqassar

VERŻJONI ELETTRONIKA

mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) jekk il-ĦIIK jikkonsidra li l-kontinwazzjoni tal-ksur għandu impatt negattiv fuq l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet regolatorji tal-ĦIIK u, jew jirrikjedi l-intervent immedjat tal-ĦIIK:

Iżda meta l-miżura tkun multa amministrattiva, l-impriża kkonċernata għandha tkun informata bl-ammont tal-multa:

Iżda wkoll meta tinħareġ twissija skont dan is-subartikolu, l-ĦIIK jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidra raġjonevoli fiċ-ċirkustanzi.

(3) Jekk l-impriża kkonċernata tirrimedja l-ksur saż-żmien stabbilit mill-ĦIIK skont is-subartikolu (2), u taqbel bil-miktub li ser tosserva kull kundizzjoni li l-ĦIIK jista' jimponi, l-ĦIIK jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jieqaf milli jieħu proċeduri ulterjuri, bla preġudizzju għal kwalunkwe miżuri regolatorji li jistgħu jkunu diġà ġew imposti.

(4) Jekk wara li jkun għadda l-perijodu stabbilit fis-subartikolu (3), il-ĦIIK huwa tal-fehma li l-impriża kkonċernata naqset milli tressaq raġunijiet validi li juru li l-ebda miżuri m'għandhom jittieħdu kontriha, il-ĦIIK għandu jinnotifika bil-miktub lill-impriża kkonċernata fejn jiġi speċifikat il-ksur, tiġi ddikjarata il-miżura li ser tittieħed, u jekk il-miżura hija multa amministrattiva, jiġi ddikjarat l-ammont tal-multa imposta.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta l-ĦIIK għandu f'idejh biżżejjed evidenza *prima facie* li l-ksur iwassal għal interruzzjoni li tista' tħalli effett immedjat u sinifikanti f'Malta, l-ĦIIK jista' fil-frattemp jieħu miżuri urġenti temporanji sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, inkluż li jordna l-waqfien immedjat tal-att jew tal-ommissjoni li qed iwassal għall-ksur:

Iżda l-impriża soġġetta għal tali miżuri kontemplati, għandha, sussegwentement, tingħata opportunità raġonevoli sabiex tippreżenta l-fehma tagħha u tipproponi rimedji:

Iżda wkoll il-miżuri temporanji għandhom ikunu validi għal massimu ta' tliet xhur, soġġetti għal tiġdid għal perijodu ulterjuri ta' tliet xhur, f'ċirkostanzi fejn il-proċeduri ta' infurzar ma jkunux għadhom ġew kompluti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) In-notifika msemmija fis-subartikolu (4) għandha, malli jiskadi ż-żmien li fih jista' jsir l-appell minnha, u malli kopja tagħha tiġi nnotifikata lill-impriża msemmija fiha permezz ta' att ġudizzjarju, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Titolu VII ta' Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: Kap. 12.

Iżda jekk l-impriża li kontriha tkun ħarġet in-notifika, tappella quddiem it-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata kif imsemmi fl-artikolu 22, u flimkien ma', jew qabel tippreżenta l-appell, titlob lit-Tribunal biex jissospendi l-effetti tan-notifika, l-ĦIIK għandu jieqaf milli joħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm it-talba għas-sopensjoni tiġi ddeterminata, irtirata jew trattata xort'oħra:

Iżda wkoll it-Tribunal għandu jiddetermina t-talbiet għal sospensjoni imsemmijin f'dan is-subartikolu kemm jista' jkun malajr. Qabel ma jiddetermina talbiet bħal dawn, it-Tribunal għandu jagħti opportunità raġjonevoli lill-ĦIIK sabiex iwieġeb u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

(7) L-effett ta' deċiżjoni tal-ĦIIK li magħha huwa relatat l-appell, m'għandux jiġi sospiż b'konsegwenza tal-preżentata tal-appell, ħlief fuq ordni tat-Tribunal.

20. (1) Impriża li tonqos milli: Quantum ta' multa amministrattiva.

(a) timplimenta miżuri ta' sigurtà adegwati u proporzjonati skont l-artikoli 11 u 13; jew

(b) tonqos milli tikkoopera mal-ĦIIK fl-eżerċizzju tal-obbligi ta' monitoraġġ skont dan l-ordni,

għandha tkun soġġetta għal multa amministrattiva ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000) u mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000) għal kull ksur u mitt euro (€100) għal kull jum li matulu jibqa' jippersisti dak il-ksur, liema multa għandha tiġi ddeterminata u imposta mill-ĦIIK, skont il-proċedura taħt l-artikolu 19:

Iżda kull multa imposta għal kull ġurnata tista' tiġi datata retroattivament mill-ġurnata tat-twettieq jew bidu tal-ksur.

(2) Impriża illi:

(a) tonqos milli tinnotifika inċident meta kienet obbligata li tagħmel dan;

(b) tonqos milli tħares ordni leġittima tal-ĦIIK; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) tonqos milli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni għajr dawk imsemmija fis-subartikolu (1),

għandha tkun soġġetta għal multa amministrattiva ta' mhux anqas minn ħames mitt ewro (€500) u mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000) għal kull ksur u ħamsin euro (€50) għal kull jum li matulu jibqa' jippersisti dak il-ksur, liema multa għandha tiġi ddeterminata u imposta mill-ĦIIK, skont il-proċedura taħt l-artikolu 19:

Iżda kull multa imposta għal kull ġurnata tista' tiġi datata retroattivament mill-ġurnata tat-twettieq jew bidu tal-ksur.

(3) Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa amministrattiva, għandhom jiġu kkunsidrati n-natura u l-gravità tal-ksur, it-tul taż-żmien tiegħu u l-impatt fuq l-attivitajiet kritici tas-soċjetà jew ekonomiċi.

TAQSIMA VIII – TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

21. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjoniiet tal-ĦIIK skont dan l-ordni jew taħt xi liġi oħra.

Kap. 490.

(2) Safejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal kull proċediment quddiem it-Tribunal u l-kliem 'amministrazzjoni pubblika' fl-imsemmi Att għandu jitqies li huwa referenza għall-ĦIIK.

Appelli minn deċiżjonijiet.

22. (1) Id-dritt ta' appell lit-Tribunal għandu jkun disponibbli għal kull impriża li lilha tkun indirizzata d-deċiżjoni.

(2) Appell minn deċiżjoni tal-ĦIIK għandu jsir permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarju tat-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data li fiha l-imsemmija deċiżjoni ġiet notifikata.

Deċiżjonijiet tat-Tribunal.

23. Fid-determinazzjoni tal-appell, it-Tribunal għandu jikkunsidra l-mertu tal-appell, u jista', kompletament jew parzjalment, jikkonferma jew jannulla d-deċiżjoni appellata, bl-għoti bil-miktub tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u għandu jara li d-deċiżjoni ssir pubblika u tiġi kkomunikata lill-partijiet fl-appell.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA

REKWIŻITI U KOMPITI TAT-TIMIJIET TA' RISPONS GĦAL INĊIDENTI RELATATI MAS-SIGURTÀ TAL- KOMPJUTERS (CSIRTs)

Ir-rekwiżiti u l-kompiti tas-CSIRTs għandhom ikunu imfissra b'mod adegwat u ċar u sostnuti minn politika u, jew regolamentazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti u l-kompiti għandhom jinkludu dan li ġej:

(1) Rekwiżiti għas-CSIRTs kollha:

(a) Is-CSIRTs għandhom jiżguraw livell għoli ta' disponibbiltà tas-servizzi tagħhom ta' komunikazzjoni billi jevitaw punti uniċi ta' falliment, u għandu jkollhom diversi mezzi biex jiġu kkuntattjati u biex jikkuntattjaw lill-oħrajn f'kull ħin. Barra minn hekk, il-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar u magħrufa sew mal-kostitwenti u mal-imsieħba li magħhom ikunu qed jikkooperaw.

(b) L-uffiċċji tas-CSIRT u s-sistemi tal-informazzjoni ta' appoġġ għandhom jiġu stabbiliti f'siti siguri.

(ċ) Sigurtà tal-operatur u kontinwità tal-attività:

(i) Is-CSIRTs għandhom ikunu mgħammrin b'sistema adegwata għall-ġestjoni u t-trasmissjoni tat-talbiet, sabiex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti.

(ii) Is-CSIRTs għandu jkollhom numru adegwat ta' uffiċjali ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIROs) sabiex jiżguraw id-disponibbiltà f'kull ħin.

(iii) Is-CSIRTs għandhom jiddependu fuq infrastruttura li l-kontinwità tagħha tkun żgurata. Għal dan l-għan, għandu jkun hemm sistemi ta' riżerva u spazju ta' ħidma ta' riżerva.

(d) Is-CSIRTs għandu jkollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem, jekk ikunu jixtiequ, f'netwerks ta' kooperazzjoni lokali, internazzjonali jew it-tnejn.

(2) Kompiti ta' CSIRTMalta:

(a) Il-Kompiti ta' CSIRTMalta għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) monitoraġġ ta' inċidenti f'livell nazzjonali;

(ii) għoti ta' twissija bikrija, allerti, avviżi u tixrid ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti lill-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(iii) koordinament u rispons għall-inċidenti u l-għoti ta' sostenn u pariri neċessarji lil kostitwenti;

(iv) forniment ta' analiżi dinamika tar-riskji u tal-inċidenti u għarfien tas-sitwazzjoni;

(v) parteċipazzjoni fin-netwerk tas-CSIRTs u fil-Grupp ta' Kooperazzjoni Ewropew sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva, effiċjenti u sigura f'livell Ewropew;

(b) CSIRTMalta għandha tistabbilixxi relazzjonijiet ta' kooperazzjoni mas-settur pubbliku u dak privat;

(ċ) Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni, CSIRTMalta għandha tippromwovi l-adozzjoni u l-użu ta' prattiċi komuni jew standardizzati għal:

(i) proċeduri għat-trattament ta' inċidenti u riskji;

(ii) skemi ta' klassifikazzjoni tal-inċidenti, tar-riskji u tal-informazzjoni.

(3) Kompiti tas-CSIRTs:

(a) Il-kompiti tas-CSIRTs għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:

(i) monitoraġġ ta' inċidenti f'assi, sistemi jew netwerks;

(ii) għoti ta' twissija bikrija, allerti, avviżi u tixrid ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti lill-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(iii) rispons għall-inċidenti;

(iv) forniment tal-analiżi dinamika tar-riskji u tal-inċidenti u għarfien tas-sitwazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA

TIPI TA' ENTITAJIET GĦALL-FINIJIET TAT-TIFSIRA TA' "OPERATUR TA' SERVIZZI ESSENZJALI" FL-ARTIKOLU 2

Settur	Sottosettur	Tip ta' entità
1. Enerġija	(a) Elettriku	Impriżi tal-elettriku kif imfisser fil-punt (35) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([1]), li jwettqu l-funzjoni ta' "provvista" kif imfissra fil-punt (19) tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva
		Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE
		Operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni kif imfissra fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE
	(b) Żejt	Operaturi ta' *pipelines* għat-trasmissjoni taż-żejt
		Operaturi ta' faċilitajiet tal-produzzjoni, tar-raffinar u tat-trattament, tal-ħżin u t-trasmissjoni taż-żejt
	(ċ) Gass	Impriżi tal-fornitura kif imfissra fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])
		Operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni kif imfissra fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE
		Operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni kif imfissra fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE
		Operaturi tas-sistema tal-ħżin kif imfissra fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE
		Operaturi tas-sistema tal-LNG kif imfissra fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE
		Impriżi tal-gass naturali kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE
		Operaturi ta' faċilitajiet tar-raffinar u t-trattament tal-gass naturali

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Trasport	(a) Trasport bl-ajru	Trasportaturi tal-ajru kif imfissra fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])
		Korpi ta' tmexxija tal-ajruport kif imfissra fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), ajruporti kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, inklużi l-ajruporti ewlenin elenkati fil-punt 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), u l-entitajiet li joperaw installazzjonijiet anċillari li jinsabu f'dawk l-ajruporti
		Operaturi għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (KTA) kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6])
	(b) Trasport bil-ferrovija	Maniġers tal-infrastruttura kif imfissra fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7])
		Impriżi ferrovjarji kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, inklużi operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz kif imfissra fil-punt (12) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE
	(ċ) Trasport fuq l-ilma	Kumpanniji għat-trasport fuq l-ilma (trasport fl-ilmijiet interni, marittimu u kostali) ta' passiġġieri u merkanzija, kif imfissra għat-trasport marittimu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li ma jinkludux il-bastimenti individwali mħaddma minn dawk il-kumpanniji
		Korpi ta' tmexxija ta' portijiet kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), inklużi l-faċilitajiet tal-port tagħhom kif imfissra fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, u entitajiet li jwettqu xogħlijiet u jħaddmu tagħmir f'dawk il-portijiet
		Operaturi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti, kif imfissra fil-punt (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10])

VERŻJONI ELETTRONIKA

	(d) Trasport bit-triq	Awtoritajiet tat-toroq kif imfissra fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 ([11]) responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku
		Operaturi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12])
3. Settur bankarju		Istituzzjonijiet ta' kreditu kif imfissra fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13])
4. Infrastrutturi tas-swieq finanzjarji		Operaturi ta' ċentri ta' negozjar kif imfissra fil-punt (24) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14])
		Kontropartijiet ċentrali (CCPs) kif imfissra fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15])
5. Settur tas-saħħa	Ambjent tas-settur tas-saħħa (inklużi sptarijiet u kliniki privati)	Fornituri tal-kura tas-saħħa kif imfissra fil-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16])
6. Provvista u distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb		Fornituri u distributuri ta' "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" kif imfissra fil-punt (1)(a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/EC ([17]) iżda bl-esklużjoni tad-distributuri li d-distribuzzjoni tagħhom tal-ilma għall-konsum mill-bniedem hija biss parti mill-attività ġenerali tagħhom ta' distribuzzjoni ta' prodotti bażiċi u oġġetti oħrajn li mhumiex meqjusin servizzi essenzjali
7.Infrastruttura diġitali		IXPs
		Fornituri ta' servizzi DNS
		Reġistri ta' ismijiet TLD

([1]) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

([2]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

([4]) Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11).

VERŻJONI ELETTRONIKA

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament Qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

([9]) Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet, (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

([10]) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

([11]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 21).

([12]) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([14]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([16]) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

([17]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwaltà tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIELET SKEDA

TIPI TA' SERVIZZI DIĠITALI GĦALL-FINIJIET TAL-INTERPRETAZZJONI TA' "SERVIZZ DIĠITALI" TAĦT L-ARTIKOLU 2

1. Suq *online*.

2. Sistema tat-tiftix *online*.

3. Servizz ta' *cloud computing*.